KUNSILL LOKALI
GĦASRI

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 18**

It-Tlieta, 16 ta' Settembru 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fil-5:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 18A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 18.1 Talba

18.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 18.2 Ittri ta' Apoloġija

18.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 18.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

18.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 17 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

18.4.1 *Email* mingħand il-*Cultural Heritage* datata 27 ta' Awwissu 2025, rigward l-attivitajiet tal-Karnival 2026, fejn infurmawna li jekk il-kunsill japplika għall-fondi mad-Direttorat għall-Wirt Kulturali, l-attivitajiet ma jridux ikunu fl-istess ħin tal-attivitajiet li jsiru fil-Belt Victoria, għax inkella l-Kunsill ma jkunx eliġibbli għall-fondi u l-attività ma tiġix inkluża fil-ktieb uffiċċjali tal-Karnival.

18.4.2 Ċirkulari AKL 2025/050 – Programm Ġdid fuq PBS dwar il-Kunsilli Lokali – *email* mibgħuta fis-26 ta' Awwissu 2025. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali kkonkludiet ftehim mal-PBS sabiex ikollha programm ta' nofs siegħa fil-ġimgħa ddedikata apposta lill-Kunsilli lokali.

18.4.3 *Email* mill-IMU intitolata *'Explore Malta Project – Għasri'* datata 5 ta' Settembru 2025, sabiex jingħataw l-informazzjoni dwar siti kulturali fir-raħal. Il-kunsilliera qablu li għandha tingħata l-informazzjoni diġà miġbura.

18.4.4 *Email* datata 8 ta' Settembru 2025, sabiex jaraw hemmx interess li ssir xi tip ta' mappa tal-lokalità fit-toroq. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi vverifikat x'opzjonijiet joffru.

18.4.5 *Email* mingħand in-*Nutritionist* datata 15 ta' Settembru 2025 bid-dati ta' meta ser isiru s-sessjonijiet – hemm indikati t-18 ta' Ottubru 2025, 22 ta' Novembru 2025, 17 ta' Jannar 2026, 21 ta' Frar 2026 u l-21 ta' Marzu 2026.

18.4.6 *Email* mingħand il-Kunsill Lokali tal-Għarb datata 13 ta' Settembru 2025 fejn qed jinfurmaw li ser tiġi organnizzata l-Għarb Run 10k nhar it-23 ta' Novembru 2025 fid-9:00am u din ser tgħaddi mill-Għasri u

għalhekk qed jaraw hemmx xi oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill. Il-kunsilliera qablu li ma hemmx oġġezzjoni għal tali avveniment b'dana li ma jiġix ostakolat is-servizz tat-trasport pubbliku.

18.4.7 *Email* mingħand il-perit inkarigat mit-*tender* GSR/04/2022 fejn huwa reġa' bagħat il-pjanti li kienu ġew sottomessi u li ma sema' xejn aktar mill-kunsill. Il-kunsilliera kkonfermaw li ma kienx hemm qbil fuq il-pjanti sottomessi u s-Sindku ddikjara li ser jibgħat *email* sabiex issir laqgħa mal-perit.

18.4.8 Is-Sindku reġa' rrimarka li għandhom jitnaddfu l-*gutters* peress li issa tagħmel ix-xita. Il-kuntrattur għandu jerġa jiġi mitkellem sabiex jitnaddfu l-*gutters* ta' madwar ir-raħal.

18.4.9 Is-Sindku reġa' rrimarka li għandha ssir komunikazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex issir laqgħa mal-Ministru minħabba Triq Wied Sara.

## 18.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

18.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 18.6 Approvazzjoni *Audited Annual Report and Financial Statements (for the year ended 31st December 2023)*

18.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-*Audited Annual Report and Financial Statements* tas-sena 2023. Il-Kunsilliera qablu ma tali rapport.

## 18.7 Applikazzjonijiet *Power Assisted Pedal Cycles*

18.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li reġa' ħareġ is-sejħa għall-kiri tal-*Power Assisted Pedal Cycles* u li kien hemm applikant wieħed. Il-kunsilliera qablu li ż-żewġ roti l-oħra għandhom jibqgħu f'idejn il-kunsill u li kull ċertu żmien tinħareġ sejħa.

## 18.8 Preparamenti Finali – *Traditions: Wine, Olive Oil and Honey*

18.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm bżonn isiru żewġ (2) tabelli tal-injam, waħda biex turi l-parkeġġ u oħra biex turi l-wirja. Il-Kunsilliera qablu ma tali proposta.

18.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minħabba r-ritratti tas-serata ġiet inkarigat persuna. Rigward *filming* ġew mitkellma ta' CVC u minħabba vidjow, l-persuna nkarigata mill-vidjow s-sena li għaddiet

x'aktarx mhux ser ikun jista' però nforma li jekk ma tinstabx persuna huwa jipprova jirranġa sabiex jieħu l-vidjow.

18.8.3 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba ssuġġerixxa li ssir *press conference* mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex tiġi rreklamata tali attività. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li ser jibgħat jivverifika jekk tistax issir tali *press conference.*

18.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kollox huwa lest għall-attività, jonqos biss ir-*Risk Assessment* u l-*Insurance* li għandhom ikunu lesti fil-jiem li ġejjin. Il-kunsillier Emanuel Mintoff saqsa hemmx il-permessi meħtieġa min-naħa tal-pulizija u s-Segretarju Eżekuttiv infurmah li bħala permessi kollox lest ukoll. Ħa jkun hawn żewġ (2) membri tal-pulizija għal waqt l-attività, żewġ (2) uffiċċjali ta' *Transport Malta* u ġew avżati wkoll kif għandu jgħaddi t-trasport pubbliku.

## 18.9 Kalendarju 2026

18.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qed joqrob iż-żmien sabiex jiġi ppreparat il-kalendarju tas-sena d-dieħla u għalhekk hemm bżonn tema għal tali kalendarju. Il-kunsillier Salvu Felice Pace ssuġġerixxa li t-tema għandha tkun l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill speċjalment l-attività kulturali tal-4 ta' Ottubru 2025. Il-kunsilliera qablu ma tali tema u għandu jinħareġ avviż sabiex ir-residenti li għandhom xi ritratti oħra relatati mal-attivitajiet tal-kunsill jgħadduhom lil kunsill sabiex jiġu evalwati.

## 18.10 Materji Oħra

18.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li d-dati għall-attivitajiet tal-Milied ser ikunu s-segwenti – i. Christmas Concert nhar it-Tnejn 22 ta' Diċembru 2025; ii. 23 ta' Diċembru 2025 *Father Christmas* iqassam ir-regali lit-tfal; iii. 24 ta' Diċembru 2025 tqassim tal-*hampers;* u fil-25 ta' Diċembru 2025 tqassim tal-ikel mir-Reġjun Għawdex lin-nies li jgħixu waħedhom.

18.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li pprepara l-inviti għas-serata Kulturali tal-4 ta' Ottubru 2025 u li ser jintbagħtu fil-jiem li ġejjin.

18.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minħabba Jum l-Għasri ġiet ikkonfermata l-quddiesa tat-8:30am.

18.10.4 Il-kunsillier Salvu Felice Pace qal li l-preparamenti relatati mas-serata kulturali tal-4 ta' Ottubru 2025 mexjin ġmielhom. Informa wkoll li

għall-attività tal-1 ta' Novembru 2025 tal-Patrun tar-raħal, qed jiġi diskuss kif għandha tittella' tali attività u aktar 'l quddiem jiġu diskussi l-preparamenti relatati ma tali attività.

18.10.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għar-rigward il-proposta li Triq Salvu Gambin tiġi *one way* huwa bagħat *email* lil erba' (4) periti u li rċieva tlett (3) kwotazzjonijiet. Wara li ġew evalwati l-proposti l-kunsilliera qablu li għandu jinħatar il-Perit Edward Scerri sabiex iħejji t-*traffic management plan* u dana peress li huwa ntiż fuq tali xogħol.

18.10.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-avviż relatat mat-*tender* tal-perit ħareġ illum u li jagħlaq fi żmien xahar.

18.10.7 Rigward l-*European Week for Waste Reduction* min-naħa tal-Wasteserv qed jiġi ssuġġerit li jinġabru materjal elettroniku. Il-kunsillier Emanuel Mintoff issuġġerixxa li tiġi stabbilita' ġurnata u li jkun hemm *open skip* sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu minn materjal elettroniku. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser jikkomunika ma' tal-Wasteserv sabiex jara jekk tali proposta hijiex vijabbli.

18.10.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa tkellem mat-*tour organiser* rigward it-trasport għall-Ġita għall-Italja u ġie maqbul li tali trasport ikun organizzat mill-kuntrattur dirett Għasri / ajruport / Għasri u mhux Ċirkewwa / ajruport / Ċirkewwa. Peress li t-*tour organiser* fil-pakkett offrut jipprovdi t-trasport Ċirkewwa / ajruport / Ċirkewwa, huwa ser jgħaddi l-ħlas tat-trasport lill-kunsill.

18.10.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fi Triq il-Gallina tressqu xi lmenti fuq xi rampi li jridu jitranġaw. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur sabiex jivverifika xi xogħolijiet li hemm.

18.10.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġie resident jinforma li fi Triq il-Fanal hemm rampa li għandha bżonn li titranġa u li hemm gandott li tkisser ġol-wied minn fejn jgħaddi l-ilma. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur sabiex jara x'xogħolijiet huma neċessarji u jgħaddi stima ta' tali xogħolijiet.

18.10.11 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li hemm xi ilma ħiereġ fl-inħawi ta' Sqaq il-Knisja, is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li kellem il-kuntrattur peress li kienu saru xi xogħolijiet mill-kuntrattur u għandu jerġa jmur jiċċekkja xi problema hemm.

18.10.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qed ikun hemm problema sabiex jiġu rrapurtati ċertu problemi tal-bozoz. Għandu jerġa jindirizza l-

problema mal-kuntrattur.

18.10.13 Il-Kunsilliera Salvu Felice Pace informa li għall-festa tal-Patroċinju ser issir pubblikazzjoni ta' ktieb u wara jsir *refreshment*. Il-kunsilliera qablu ma tali.

## 18.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

18.11.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-16 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 18.12 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss

18.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:15 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 6 ta' Ottubru 2025 fil-4:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru 2025.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |